MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2011

Numru. 1003/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**RAYMOND CUTAJAR ta' 26 sena, iben Carmel u Teresa nee' Cutajar, imwieled tal-Pieta' nhar it-13.02.1984, residenti fil-fond Binja L, Entratura C, Flat 4, Housing Estate, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 161784M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **RAYMOND CUTAJAR** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Marzu, 2010 u fix-xhur u s-snin ta' qabel:

1. Ta ordni lil haddiehor sabiex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lilll-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz, u cioe' certifikat tal-VRT;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom dawn, bhala operaturi jew persuni li kellhom licenzja biex jittestjaw, hargu certifikat li kien juri li l-vettura ghaddiet mit-test meta l-istess vettura ma kinitx giet ittestjata.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji quddiem din il-Qorti, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni;

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-istadju ta' l-interrogatorju, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jerga' jahseb fuq l-istess.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 42(a)(d), u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll ir-Regolament 25(b) SL 65.15, din il-Qorti qieghda fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------